Dik l-għajta f’nofs ta’ lejl

miktuba minn Zane Attard

Kienet lejla ta’ riħ isfel minn dak li jdejqek u jħallik imdellek. Iddeċidejt li nintefa’ fis-sodda biex nara film għall-kwiet. L-arja ta’ barra kienet tqila wisq bis-sħana tant li ma stajtx nagħlaq għajn m’għajn. Qomt mal-ewwel niftaħ beraħ it-twieqi tal-kamra tas-sodda. Dak il-mument inħsadt hekk kif rajt lil xi ħadd b’wiċċu mgħammad tiela’ mal-grada tal-qraba tagħna. Il-qraba kienu siefru għal btala qasira u b’hekk ma kien hemm ħadd id-dar tagħhom.

Inħsadt mhux ftit meta rajt din is-sitwazzjoni u bħal donni nfxilt u kkonfondejt x’l-aħjar nagħmel. Waqt li ħadt nifs qawwi, imxejt bil-mod lejn il-kamra tal-ġenituri tiegħi biex ngħidilhom b’dak kollu li rajt u li kien qed jiġri. Waqt li bdejt nispjegalhom kollox fid-dettall, missieri qam minn fuq is-sodda, qabad it-telefown u ċempel l-għassa tal-pulizija.

Ftit minuti wara, karozza b’erba’ pulizija waslet fuq il-post. Tnejn minnhom daħlu fid-dar biex ifittxu lil dak li kien daħal fuq ġewwa, filwaqt li t-tnejn l-oħra baqgħu barra jistennew ftit moħbija wara siġra qrib il-kanċell.

Kif għaddew ftit minuti bdejna nisimgħu l-passi. Il-ħalliel ħareġ jiġri mid-dar waqt li tnejn mill-pulizija ġrew għal warajh. Sfortunatament, il-ħalliel qasam it-triq bl-addoċċ u karozza li kienet ġejja bi spid qawwi tajret lill-ħalliel. Dak il-ħin smajna lill-ħalliel jgħajjat u dik l-għajta daħal f’qalbi.

Jien irnexxieli nsalva lill-qraba tiegħi milli jiġu misruqa iżda żgur li ma stennejtx lil min kien involut kellu jispiċċa hekk ħażin.